ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 369

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

17 ta' Diċembru 2011

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 369/01 Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra ..... 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2011/C 369/02 Dikjarazzjoni politika konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ..... 14

2011/C 369/03 Dikjarazzjoni politika konġunta tas-27 ta' Ottubru 2011 tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ..... 15

2011/C 369/04 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK kif implimentata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/848/PESK ..... 16

MT

Prezz:
EUR 3

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

2011/C 369/05 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/847/PESK, u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1320/2011 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja ........ 17

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 369/06 Rata tal-kambju tal-euro ........ 18

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 369/07 Avviż ta' inizjazzjoni ta' proċediment antidumping rigward importazzjonijiet ta' fosforu abjad, imsemmi wkoll fosforu elementali jew fosforu isfar, li joriġina mill-Kazakistan ........ 19

**Rettifika**

2011/C 369/08 Rettifika għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU C 338, 18.11.2011) ........ 25

MT

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## FTEHIM MONETARJU

**bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra**

(2011/C 369/01)

L-UNJONI EWROPEA, rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea,

u

IL-PRINĊIPAT TA' ANDORRA,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Jannar 1999, l-euro ssostitwixxa l-munita ta' kull wieħed mill-Istati Membri b'sehem fit-tielet stadju tal-Unjoni ekonomika u monetarja, fosthom Spanja u Franza, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998.

(2) Qabel il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim, il-Prinċipat ta' Andorra ma kellux munita uffiċjali, u ma kien ikkonkluda l-ebda ftehim monetarju ma' Stat Membru jew pajjiż terz. Il-karti tal-flus u l-muniti Spanjoli u Franċiżi kellhom valuta *de facto* f'Andorra, u mill-1 ta' Jannar 2002 ġew issostitwiti mill-karti tal-flus u l-muniti tal-euro. Barra minn hekk, il-Prinċipat ta' Andorra ħareġ ċerti muniti f'dinari għall-kollezzjonisti.

(3) Skont dan il-Ftehim monetarju, l-euro huwa l-munita uffiċjali tal-Prinċipat ta' Andorra. Għaldaqstant, il-Prinċipat ta' Andorra għandu d-dritt joħroġ muniti tal-euro, u għandu l-obbligu li jagħti saħħa legali lill-karti tal-flus u l-muniti tal-euro maħruġin mill-Eurosistema u mill-Istati Membri li adottaw l-euro. Il-Prinċipat ta' Andorra għandu jiggarantixxi li r-regoli tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro –inklużi r-regoli marbutin mal-ħarsien tal-euro mill-falsifikar– jiġu applikati fit-territorju tiegħu.

(4) Il-Prinċipat ta' Andorra għandu settur bankarju sinifikanti li jopera mill-qrib ma' dak taż-żona tal-euro. Għaldaqsant, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet iktar indaqs, jeħtieġ li jsiru progressivament applikabbli fil-Prinċipat ta' Andorra d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi relevanti tal-UE fl-oqsma bankarju u finanzjarju, dawk relatati mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, mal-prevenzjoni tal-frodi u tal-falsifikar tal-mezzi ta' ħlas mingħajr flus kontanti, kif ukoll l-obbligu ta' rappurtar ta' dejta statistika.

(5) Dan il-Ftehim ma jobbliga bl-ebda mod lill-BĊE u lill-banek ċentrali nazzjonali li jinkludu l-istrumenti finanzjarji tal-Prinċipat ta' Andorra fil-lista/i tat-titoli eliġibbli għall-operati ta' politika monetarja tal-Eurosistema.

(6) Għandu jitwaqqaf kumitat konġunt, magħmul minn rappreżentanti tal-Prinċipat ta' Andorra u tal-Unjoni Ewropea, sabiex jeżamina l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, jiddetermina l-limitu annwali għall-ħruġ ta' muniti, u jivvaluta l-miżuri meħudin mill-Prinċipat ta' Andorra biex jimplimenta l-leġiżlazzjoni relevanti tal-UE. Id-delegazzjoni tal-UE għandha tkun magħmula minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika Franċiża u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(7) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun il-korp responsabbli għas-soluzzjoni tat-tilwim li jista' jinqala' mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Prinċipat ta' Andorra huwa awtorizzat li juża l-euro bħala l-munita uffiċjali tiegħu, skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1103/97 u (KE) Nru 974/98. Il-Prinċipat ta' Andorra għandu jagħti valuta legali lill-karti tal-flus u l-muniti tal-euro.

*Artikolu 2*

1. Il-Prinċipat ta' Andorra ma għandux joħroġ karti tal-flus. Il-kundizzjonijiet biex joħroġ muniti tal-euro mill-1 ta' Lulju 2013 huma stipulati fl-Artikoli li ġejjin.

2. Id-dritt għall-ħruġ tal-muniti tal-euro mill-1 ta' Lulju 2013 huwa soġġett għal:

(a) l-adozzjoni minn qabel, min-naħa tal-Prinċipat ta' Andorra, tal-atti legali u r-regoli kollha tal-UE elenkati fl-Anness ta' dan il-Ftehim, bi skadenza, għat-traspożizzjoni tagħhom, ta' 12 jew 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(b) l-iffirmar mill-Prinċipat ta' Andorra, sa mhux iktar tard minn 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, tal-Memorandum Multilaterali ta' Fehim tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli rigward il-Konsultazzjoni, il-Kooperazzjoni u l-Iskambju ta' Informazzjoni.

*Artikolu 3*

Il-limitu annwali (f'termini ta' valur) għall-ħruġ mill-Prinċipat ta' Andorra ta' muniti tal-euro għandu jiġi kkalkolat mill-Kumitat konġunt imwaqqaf b'dan il-Ftehim, bħala s-somma tal-elementi li ġejjin:

— parti fissa, b'ammont inizjali ta' EUR 2 342 000 għall-2013. Il-Kumitat konġunt jista' jirrevedi kull sena l-parti l-fissa biex iqis kemm l-inflazzjoni –abbażi tal-inflazzjoni tal-HCIP fiż-żona tal-euro matul it-12-il xahar ta' qabel–, kif ukoll ix-xejriet sinifikanti possibbli li jolqtu s-suq tal-muniti għall-kollezzjonisti;

— parti varjabbli, li tikkorrispondi għall-ħruġ medju (f'termini ta' valur) ta' muniti għal kull abitant taż-żona euro matul it-12-il xahar ta' qabel, immoltiplikat bl-għadd ta' abitanti tal-Prinċipat ta' Andorra.

*Artikolu 4*

1. Il-muniti tal-euro maħruġin mill-Prinċipat ta' Andorra għandhom ikunu identiċi għal dawk maħruġin mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li adottaw l-euro f'dak li jirrigwarda l-valur nominali, il-valuta legali, il-karatteristiċi tekniċi, il-karatteristiċi artistiċi tal-wiċċ komuni u l-karatteristiċi artistiċi tal-wiċċ nazzjonali.

2. Il-Prinċipat ta' Andorra għandu jibgħat bil-quddiem l-abbozzi tal-uċuħ nazzjonali tal-muniti tiegħu tal-euro lill-Kummissjoni, li għandha tivverifika l-konformità tagħhom mar-regoli tal-UE.

*Artikolu 5*

1. Il-muniti tal-euro maħruġin mill-Prinċipat ta' Andorra għandhom jiġu inċiżi miz-Zekka tal-UE tal-għażla tiegħu, li min-naħa tagħha għandu jkollha esperjenza fil-produzzjoni tal-muniti tal-euro. Il-Kumitat konġunt għandu jiġi mgħarraf b'kull tibdil ta' kuntrattur.

2. Tal-anqas 80 % mill-muniti tal-euro maħsubin għaċ-ċirkolazzjoni għandhom jiddaħħlu bil-valur nominali tagħhom. Il-Kumitat konġunt jista' jiddeċiedi li jżid dan il-proporzjon.

3. Il-ħruġ ta' muniti tal-euro għall-kollezzjonisti min-naħa tal-Prinċipat ta' Andorra għandu jkun konformi mal-linji gwida tal-UE għall-muniti tal-euro għall-kollezzjonisti, li jirrikjedu, speċifikament, li l-karatteristiċi tekniċi u artistiċi tagħhom, kif ukoll id-denominazzjoni tagħhom, jippermettu li l-muniti maħsubin għaċ-ċirkolazzjoni jintgħarfu faċilment minn xulxin.

*Artikolu 6*

1. Għall-finijiet tal-approvazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew tal-volum totali tal-ħruġ ta' muniti mir-Renju ta' Spanja u mir-Repubblika Franċiża skont l-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, nofs il-volum tal-muniti tal-euro maħruġin mill-Prinċipat ta' Andorra għandu jiżdied mal-volum tal-muniti maħruġin mir-Renju ta' Spanja, u n-nofs l-ieħor għandu jiżdied mal-volum tal-muniti maħruġin mir-Repubblika Franċiża.

2. Sa mhux iktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena, il-Prinċipat ta' Andorra għandu jgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea, lir-Renju ta' Spanja u lir-Repubblika Franċiża bil-valur nominali totali tal-muniti tal-euro li jkun beħsiebu joħroġ matul is-sena ta' wara. Il-Prinċipat ta' Andorra għandu jgħarraf ukoll lill-Kummissjoni Ewropea bil-kundizzjonijiet maħsubin għall-ħruġ ta' dawk il-muniti, u speċifikament bil-proporzjon tal-muniti għall-kollezzjonisti, kif ukoll l-arranġamenti ddettaljati għall-introduzzjoni tal-muniti maħsubin għaċ-ċirkolazzjoni.

*Artikolu 7*

1. Dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr ħsara għad-dritt tal-Prinċipat ta' Andorra li jkompli joħroġ muniti tad-dinari għall-kollezzjonisti.

2. Il-muniti tad-dinari għall-kollezzjonisti maħruġin mill-Prinċipat ta' Andorra ma għandu jkollhom l-ebda valuta legali fl-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 8*

1. Il-Prinċipat ta' Andorra għandu jintrabat li jadotta l-miżuri kollha xierqa, bi traspożizzjoni diretta jew, fejn ikun meħtieġ, bl-adozzjoni ta' miżuri ekwivalenti, sabiex jimplimenta l-atti legali u r-regoli tal-Unjoni Ewropea elenkati fl-Anness ta' dan il-Ftehim, fl-oqsma li ġejjin:

(a) il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro;

(b) il-leġiżlazzjoni bankarja u finanzjarja, speċifikament f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet u s-sorveljanza tal-istituzzjonijiet ikkonċernati;

(c) il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-prevenzjoni tal-frodi u tal-falsifikar tal-mezzi ta' ħlas kemm fi flus kontanti kif ukoll mezzi oħra (għal dan il-għan, għandu jiġi ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni mal-Europol), ir-regoli marbutin mal-medalji u t-tokens, u l-obbligi ta' rappurtar ta' dejta statistika. F'dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni marbuta mal-ġbir ta' dejta statistika, ir-regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni u għall-adattamenti tekniċi (inklużi d-derogi meħtieġa biex titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' Andorra) għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim mal-Bank Ċentrali Ewropew, sa mhux iktar tard minn 18-il xahar qabel il-bidu tal-ġbir effettiv tad-dejta statistika;

(d) il-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala munita unika adottati skont l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. L-atti legali u r-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu implimentati mill-Prinċipat ta' Andorra bl-iskadenzi stipulati fl-Anness.

3. Il-Prinċipat ta' Andorra jista' jitlob għajnuna teknika, mingħand l-entitajiet li jagħmlu parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea, għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE kkonċernata, partikularment f'dak li jirrigwarda l-ġbir tal-istatistika.

4. Darba fis-sena, jekk iktar ta' spiss jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha timmodifika l-Anness sabiex iqis it-testi l-ġodda legali u regolatorji relevanti tal-UE, kif ukoll l-emendi li jkunu saru għat-testi eżistenti. Il-Kumitat konġunt għandu mbagħad jiddeċiedi l-iskadenzi xierqa u raġonevoli għall-implimentazzjoni, min-naħa tal-Prinċipat ta' Andorra, tal-atti legali u r-regoli l-ġodda miżjudin fl-Anness.

5. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kumitat konġunt jista' jirrevedi skadenza eżistenti speċifikata fl-Anness.

6. L-Anness aġġornat għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 9*

L-istituzzjonijiet ta' kreditu, u fejn meħtieġ, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħra awtorizzati li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fit-territorju tal-Prinċipat ta' Andorra, jista' jkollhom aċċess għas-sistemi interbankarji għas-saldu u għall-ħlas, kif ukoll għas-sistemi għas-saldu tat-titoli fiż-żona tal-euro, skont ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Spanja u ta' Franza, bi qbil mal-Bank Ċentrali Ewropew.

*Artikolu 10*

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-kompetenza esklussiva biex issolvi t-tilwim kollu li jista' jinqala' mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u li ma jkunx seta' jiġi solvut fi ħdan il-Kumitat konġunt.

2. Jekk l-Unjoni Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, hija u taġixxi fuq rakkomandazzjoni tad-delegazzjoni tal-UE fi ħdan il-Kumitat konġunt, jew il-Prinċipat ta' Andorra, iqisu li l-Parti l-oħra tkun naqset milli taqdi obbligu stipulat f'dan il-Ftehim, jistgħu jressqu l-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun vinkolanti fuq il-partijiet,li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza f'perjodu li jkun deċiż mill-Qorti fl-istess sentenza tagħha, u s-sentenza ma għandhiex tkun soġġetta għal proċedura ta' appell.

3. Fil-każ li l-Unjoni Ewropea jew il-Prinċipat ta' Andorra jonqsu milli jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza matul dak il-perjodu, il-parti l-oħra tista' ttemm il-Ftehim, b'avviż minn tal-anqas tliet xhur qabel.

*Artikolu 11*

1. Għandu jitwaqqaf Kumitat konġunt. Dan il-Kumitat konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Prinċipat ta' Andorra u tal-Unjoni Ewropea. Id-delegazzjoni tal-UE għandha tkun magħmula minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea (li jippreseduha), tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika Franċiża u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-Kumitat konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena. Il-Presidenza għandha talterna, kull sena, bejn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u rappreżentant tal-Prinċipat ta' Andorra. Il-Kumitat konġunt għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod unanimu.

3. Il-Kumitat konġunt għandu jiskambja l-fehmiet u t-tagħrif tiegħu, u għandu jadotta d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3 u 8. Id-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għandha tgħarraf lill-Prinċipat ta' Andorra bil-proġetti leġiżlattivi tal-Unjoni Ewropea li jkunu qed jiġu diskussi fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 8. Barra minn hekk, il-Kumitat konġunt għandu jeżamina l-miżuri meħudin mill-Prinċipat ta' Andorra, u għandu jagħmel l-almu tiegħu biex isolvi kull tilwim li jista' jinqala' mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

4. L-Unjoni Ewropea għandha tkun l-ewwel Parti li tippresiedi l-Kumitat konġunt mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, skont l-Artikolu 13.

*Artikolu 12*

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 10(3), kull Parti tista' ttemm dan il-Ftehim b'avviż ta' mill-inqas sena qabel.

*Artikolu 13*

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara n-notifika minn kull waħda mill-Partijiet tat-twettiq tal-proċeduri tar-ratifikazzjoni tagħhom, skont ir-regoli applikabbli għal kull Parti.

*Artikolu 14*

Dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż u ffirmat f'erba' ilsna (bil-Katalan, bil-Franċiż, bl-Ingliż u bl-Ispanjol), bit-test ta' kull wieħed minn dawn l-ilsna jkun ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2011.

| *Għall-Unjoni Ewropea* | *Għall-Prinċipat ta' Andorra* |
| --- | --- |
| Olli REHN | Antoni MARTÍ PETIT |
| *Membru tal-Kummissjoni Ewropea* | *Kap tal-Gvern* |

*ANNESS*

| Id-dispożizzjonijiet legali li għandhom jiġu implimentati | Skadenza għall-implimentazzjoni (mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim) |
|---|---|
| Il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus | |
| Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15 | 18-il xahar |
| kif emendata bi: | |
| Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE, u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1 | |
| Id-Direttiva 2008/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2005/60/KE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-money laundering [ħasil tal-flus] u l-finanzjament tat-terroriżmu, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, ĠU L 76, 19.3.2008, p. 46 | |
| Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE, u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE, ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7 | |
| Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120 | |
| ikkompletata bi: | |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha, ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103 | |
| Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' persuni esposti politikament u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna, ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29 | |
| Ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1 | |
| Ir-Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, ĠU L 323, 8.12.2007, p. 59 | |
| Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità, ĠU L 309, 25.11.2005, p. 9 | |
| Id-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità, ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1; edizzjoni speċjali bil-Malti: Kapitolu 19 Volum 4 p. 158-159 | |

| Id-dispożizzjonijiet legali li għandhom jiġu implimentati | Skadenza għall-implimentazzjoni (mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim) |
|---|---|
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI tas-17 ta' Ottubru 2000 li tikkonċerna l-arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn l-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja tal-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni, ĠU L 271, 24.10.2000, p. 4; edizzjoni speċjali bil-Malti: Kapitolu 19 Volum 4 p. 15-17 | |
| Il-prevenzjoni tal-frodi u tal-falsifikar | |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro, ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6<br><br>kif emendat bi:<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro, ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1 | 18-il xahar |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/861/KE tat-8 ta' Diċembru 2003 li tikkonċerna l-analiżi u l-kooperazzjoni fir-rigward ta' muniti foloz tal-euro, ĠU L 325, 12.12.2003, p. 44 | 18-il xahar |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004 tas-6 ta' Diċembru 2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro, ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1<br><br>kif emendat bi:<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro, ĠU L 17, 22.1.2009, p. 5 | 18-il xahar |
| Id-Deċiżjoni Kwadru 2000/383/ĠAI tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 dwar li tiżdied il-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar in konnessjoni mad-dħul tal-euro, ĠU L 140, 14.6.2000, p. 1; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 19 Volum 1 p. 187-190<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Deċiżjoni Kwadru 2001/888/ĠAI tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2001 li jemenda d-Deċiżjoni Kwadru 2000/383/ĠAI dwar li tiżdied il-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar in konnessjoni mad-dħul tal-euro, ĠU L 329, 14.12.2001, p. 3; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 19 Volum 4 p. 182 | 18-il xahar |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37 | 18-il xahar |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm Pericles), ĠU L 339, 21.12.2001, p. 50<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/75/KE tat-30 ta' Jannar 2006 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni (il-programm Pericles), ĠU L 36, 8.2.2006, p. 40<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/849/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni (il-programm Pericles), ĠU L 330, 28.11.2006, p. 28<br><br>ikkompletata bi:<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/887/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar, ĠU L 329, 14.12.2001, p. 1 | 18-il xahar |

| Id-dispożizzjonijiet legali li għandhom jiġu implimentati | Skadenza għall-implimentazzjoni (mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim) |
|---|---|
| Id-Deċiżjoni qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti, ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 15 Volum 6 p. 123-126 | 18-il xahar |
| Id-Deċiżjoni 2010/597/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkulazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (BĊE/2010/14), ĠU L 267, 9.10.2010, p. 1 | 18-il xahar |
| Ir-regolamenti dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro | |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, ĠU L 139, 11.5.1998, p. 6<br><br>kif emendat bi:<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/1999 tat-22 ta' Frar 1999 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, ĠU L 52, 27.2.1999, p. 2; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 10 Volum 1 p. 167-168 | 12-il xahar |
| Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 1999 dwar is-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għall-muniti tal-euro (traduzzjoni mhux uffiċjali) | 12-il xahar |
| Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1998 u tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-muniti tal-kollezzjonijisti (traduzzjoni mhux uffiċjali) | 12-il xahar |
| Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/23/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (C(2008) 8625), ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52 | 12-il xahar |
| Il-Komunikazzjoni 2001/C 318/03 tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2001 dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-awtur tad-disinn tal-wiċċ komuni tal-muniti tal-euro [traduzzjoni mhux uffiċjali] (C(2001) 600 finali), ĠU C 318, 13.11.2001, p. 3 | 12-il xahar |
| Ir-Regolament (UE) Nru 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni, ĠU L 339, 22.12.2010, p. 1 | 12-il xahar |
| Il-Linji gwida BĊE/2003/5 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Marzu 2003 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus [tal-euro] irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus [tal-euro], ĠU L 78, 25.3.2003, p. 20; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 1 Volum 4 p. 291-293 | 12-il xahar |
| Id-Deċiżjoni 2003/205/KE tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Marzu 2003 dwar id-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus [tal-euro] (BĊE/2003/4), ĠU L 78, 25.3.2003, p. 16; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 10 Volum 3 p. 246-49 | 12-il xahar |
| Il-leġiżlazzjoni fl-oqsma bankarji u finanzjarji | |
| Id-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' kumpaniji tal-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (riformulazzjoni), ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Direttiva 2008/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2006/49/KE dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' kumpaniji tal-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, ĠU L 76, 19.3.2008, p. 54<br><br>Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/27/KE tas-7 ta' April 2009 li temenda ċerti Annessi tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tekniċi li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tar-riskju, ĠU L 94, 8.4.2009, p. 97 | 4 snin |

| Id-dispożizzjonijiet legali li għandhom jiġu implimentati | Skadenza għall-implimentazzjoni (mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim) |
|---|---|
| Id-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2007/64/KE [fir-rigward ta'] banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, ĠU L 302, 17.11.2009, p. 97<br><br>Id-Direttiva 2010/76/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE [fir-rigward tar-]rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni, ĠU L 329, 14.12.2010, p. 3<br><br>Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120 | |
| Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (riformulazzjoni), ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/18/KE tas-27 ta' Marzu 2007 li temenda d-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [fir-rigward tal-]esklużjoni jew l-inklużjoni ta' ċerti istituzzjonijiet mill-ambitu tal-applikazzjoni u tat-trattament ta' exposures għall-banek ta' żvilupp multilaterali, ĠU L 87, 28.3.2007, p. 9<br><br>Id-Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fil-holdings fis-settur finanzjarju, ĠU L 247, 21.9.2007, p. 1<br><br>Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE, u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1<br><br>Id-Direttiva 2008/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2006/48/KE rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, ĠU L 81, 20.3.2008, p. 38<br><br>Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/83/KE tas-27 ta' Lulju 2009 li temenda ċerti annessi tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tekniċi li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tar-riskju, ĠU L 196, 28.7.2009, p. 14<br><br>Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE, u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE, ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7<br><br>Id-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2007/64/KE dwar [fir-rigward ta'] banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, ĠU L 302, 17.11.2009, p. 97 | 4 snin |

| Id-dispożizzjonijiet legali li għandhom jiġu implimentati | Skadenza għall-implimentazzjoni (mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim) |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/16/UE tad-9 ta' Marzu 2010 li temenda d-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-esklużjoni ta' ċerta istituzzjoni mill-ambitu tal-applikazzjoni, ĠU L 60, 10.3.2010, p. 15<br><br>Id-Direttiva 2010/76/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar [fir-rigward tar-] ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni, ĠU L 329, 14.12.2010, p. 3<br><br>Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120 | |
| Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE, u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE, ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7 | 4 snin |
| Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE, u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1<br><br>Ir-Rettifika għad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE, u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007), ĠU L 187, 18.7.2009, p. 5<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2007/64/KE dwar [fir-rigward ta'] banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet [riskji] kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, ĠU L 302, 17.11.2009, p. 97 | 4 snin |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 tali temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE u 86/635/KEE fir-rigward tar-regoli ta' valutazzjoni għall-kontijiet annwali u kkonsolidati ta' ċerti tipi ta' kumpaniji kif ukoll ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 17 Volum 1 p. 245-249<br><br>Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE, 86/635/KEE u 91/674/KEE tal-Kunsill fuq il-bilanċ ta' kontijiet annwali u konsolidati ta' ċerti kumpaniji, banek u istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi tal-assigurazzjoni, ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16<br><br>Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni, ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1 | 4 snin |

| Id-dispożizzjonijiet legali li għandhom jiġu implimentati | Skadenza għall-implimentazzjoni (mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim) |
|---|---|
| Id-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti, ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 6 Volum 2 p. 252-26<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 92/49/KEE u 93/6/KEE u d-Direttivi 94/19/KE, 98/78/KE, 2000/12/KE, 2001/34/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE, sabiex tiġi stabbilita struttura organizzattiva ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji, ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9<br><br>Id-Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda d-Direttiva 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti fir-rigward tal-livell ta' kopertura u taż-żmien għar-rimborż, ĠU L 68, 13.3.2009, p. 3 | 4 snin |
| Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15 | 6 snin |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 89/117/KEE tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-obbligi ta' fergħat stabbiliti fi Stat Membru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom l-uffiċċji ewlenin tagħhom barra dak l-Istat Membru rigward il-pubblikazzjoni tad-dokumenti tal-kontijiet annwali, ĠU L 44, 16.2.1989, p. 40; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 6 Volum 1 p. 213-215 | 6 snin |
| Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju, u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 6 Volum 4 p. 340-366<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 92/49/KEE u 93/6/KEE u d-Direttivi 94/19/KE, 98/78/KE, 2000/12/KE, 2001/34/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE, sabiex tiġi stabbilita struttura organizzattiva ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji, ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9<br><br>Id-Direttiva 2008/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2002/87/KE dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, ĠU L 81, 20.3.2008, p. 40<br><br>Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120 | 6 snin |
| Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1<br><br>Ir-Rettifika tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, ĠU L 45, 16.2.2005 p. 18 | *6 snin* |

| Id-dispożizzjonijiet legali li għandhom jiġu implimentati | Skadenza għall-implimentazzjoni (mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim) |
|---|---|
| kif emendata bi:<br><br>Id-Direttiva 2006/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward ta' ċerti limiti ta' żmien, ĠU L 114, 27.4.2006, p. 60<br><br>Id-Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fil-holdings fis-settur finanzjarju, ĠU L 247, 21.9.2007, p. 1<br><br>Id-Direttiva 2008/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, ĠU L 76, 19.3.2008, p. 33<br><br>Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120<br><br>ikkompletata bi:<br><br>Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva, ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva, ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1 | |
| Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001, ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11 | 6 snin |
| Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali, ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 10 Volum 3 p. 89-96<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli, u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu, ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37 | 6 snin |
| Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 97/489/KE tat-30 ta' Lulju 1997 dwar it-tranżazzjonijiet imwettqa bi strumenti ta' ħlas elettroniku, u b'mod partikulari r-relazzjoni bejn emittent u d-detentur (traduzzjoni mhux uffiċjali), ĠU L 208, 2.8.1997, p. 52 | 6 snin |
| Id-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur, ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 6 Volum 2 p. 311-320 | 6 snin |

| Id-dispożizzjonijiet legali li għandhom jiġu implimentati | Skadenza għall-implimentazzjoni (mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim) |
|---|---|
| Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli, ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 6 Volum 3 p. 107-112<br><br>kif emendata bi:<br><br>Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli, u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu, ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37<br><br>Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120 | 6 snin |
| Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120 | 4 snin |
| Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE, u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12 | 4 snin |
| Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE, u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE, ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84 | 4 snin |
| Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1 | 4 snin |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162 | 4 snin |
| Il-leġiżlazzjoni dwar il-ġbir tad-dejta statistika (l-Artikolu 6(1) tal-Mandat) | |
| Ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulazzjoni) (BĊE/2008/32), ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14 | 4 snin |
| Ir-Regolament (KE) Nru 63/2002 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Diċembru 2001 dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal depożiti u self għal familji u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BĊE/2001/18), ĠU L 10, 12.1.2002, p. 24; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 1 Volum 3 p. 421-443<br><br>kif emendat bi:<br><br>Ir-Regolament (UE) Nru 674/2010 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Lulju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 63/2002 (BĊE/2001/18) dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal depożiti u self għal familji u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BĊE/2010/7), ĠU L 196, 28.7.2010, p. 23 | 4 snin |

| Id-dispożizzjonijiet legali li għandhom jiġu implimentati | Skadenza għall-implimentazzjoni (mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim) |
|---|---|
| Ir-Regolament (UE) Nru 290/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Marzu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 63/2002 (BĊE/2001/18) dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal depożiti u self għal familji u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BĊE/2009/7), ĠU L 94, 8.4.2009, p. 75<br><br>Ir-Regolament (KE) Nru 2181/2004 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, u r-Regolament (KE) Nru 63/2002 (BĊE/2001/18) dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal depożiti u self għal familji u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BĊE/2004/21), ĠU L 371, 18.12.2004, p. 42 | |
| Linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2007/9 tal-1 ta' Awwissu 2007 fuq statistika monetarja, ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tas-suq (riformulazzjoni), ĠU L 341, 27.12.2007, p. 1<br><br>Rettifika tal-Linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2007/9 tal-1 ta' Awwissu 2007 fuq statistika monetarja, ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tas-suq (riformulazzjoni), ĠU L 84, 26.3.2008, p. 393<br><br>kif emendata bi:<br><br>Il-Linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2008/31 tad-19 ta' Diċembru 2008 li jemendaw il-Linji ta' gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2007/9 fuq statistika monetarja, ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tas-suq (riformulazzjoni), ĠU L 53, 26.2.2009, p. 76<br><br>Il-Linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2009/23 tal-4 ta' Diċembru 2009 li jemendaw il-Linji ta' gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2007/9 fuq statistika monetarja, ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tas-suq, ĠU L 16, 21.1.2010, p. 6 | 4 snin |
| Il-Linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2002/7 tal-21 ta' Novembru 2002 dwar ir-rapporti tal-istatistika meħtieġa mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji għal kull kwart tas-sena, ĠU L 334, 11.12.2002, p. 24; edizzjoni speċjali bil-Malti Kapitolu 17 Volum 1 p. 250-270<br><br>kif emendata bi:<br><br>Il-Linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2005/13 tas-17 ta' Novembru 2005 li jemendaw il-Linji ta' gwida BĊE/2002/7 dwar ir-rapporti tal-istatistika meħtieġa mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji għal kull kwart tas-sena, ĠU L 30, 2.2.2006, p. 1<br><br>Il-Linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2006/6 tal-20 ta' April 2006 li jemendaw il-Linji ta' gwida BĊE/2002/7 dwar ir-rapporti tal-istatistika meħtieġa mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji għal kull kwart tas-sena, ĠU L 115, 28.4.2006, p. 46<br><br>Il-Linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2007/13 tal-15 ta' Novembru 2007 li jemendaw il-Linji ta' gwida BĊE/2002/7 dwar ir-rapporti tal-istatistika meħtieġa mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji għal kull kwart tas-sena, ĠU L 311, 29.11.2007, p. 47<br><br>Il-Linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2008/6 tas-26 ta' Awwissu 2008 li jemendaw il-Linji ta' gwida BĊE/2002/7 dwar ir-rapporti tal-istatistika meħtieġa mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji għal kull kwart tas-sena, ĠU L 259, 27.9.2008, p. 12 | 4 snin |

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## Dikjarazzjoni politika konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni

(2011/C 369/02)

Skont l-Artikolu 288 TFUE, "Direttiva għandha torbot l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali".

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni hija prerekwiżit għall-kisba tal-objettivi politiċi tal-Unjoni u li, filwaqt li r-responsabbiltà għal tali implimentazzjoni hija primarjament tal-Istati Membri, din hija kwistjoni ta' interess komuni minħabba li għandha bħala għan, fost l-oħrajn, li toħloq opportunitajiet indaqs fl-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li t-traspożizzjoni korretta u fil-ħin tad-direttivi tal-Unjoni hija obbligu legali. Huma jinnutaw li t-Trattati jagħtu lill-Kummissjoni l-kompitu li tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni taħt is-superviżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u jikkondividu l-fehim komuni li n-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni għandha tiffaċilita l-kisba ta' dan il-kompitu mill-Kummissjoni.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jirrikonoxxu li l-informazzjoni li dawn jipprovdu lill-Kummissjoni firrigward tat-traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġi nazzjonali "għandha tkun ċara u preċiża" u "trid tindika mingħajr ambigwità liema huma l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi", jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-liġi nazzjonali, kif ukoll, fejn rilevanti, il-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali, li permezz tagħhom l-Istati Membri jqisu li ssodisfaw ir-rekwiżiti diversi imposti fuqhom middirettiva ([1]).

Sabiex titjieb il-kwalità tal-informazzjoni dwar it-traspożizzjoni tad-direttivi tal-Unjoni, fejn il-Kummissjoni tqis li huma meħtieġa dokumenti li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali, din għandha tiġġustifika fuq il-bażi ta' każ b'każ, meta tippreżenta l-proposti rilevanti, il-ħtieġa li jiġu pprovduti tali dokumenti, u l-proporzjonalità tagħhom, b'kont meħud, b'mod partikolari u rispettivament, tal-komplessità tad-direttiva u tat-traspożizzjoni tagħha, kif ukoll tal-piż amministrattiv addizzjonali possibbli.

F'każijiet ġustifikati, l-Istati Membri jieħdu l-impenn li jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni b'dokument ta' spjegazzjoni wieħed jew aktar, li jista' jieħu l-forma ta' tabelli ta' korrelazzjoni jew ta' dokumenti oħrajn li jaqdu l-istess funzjoni.

---

([1]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2009 fil-kawża C-427/07, punt 107 u l-ġurisprudenza kkwotata fiha.

**Dikjarazzjoni politika konġunta tas-27 ta' Ottubru 2011 tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni**

(2011/C 369/03)

L-istituzzjonijiet jgħarrfu li l-informazzjoni li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġi nazzjonali "għandha tkun ċara u preċiża" ([1]), biex tiġi ffaċilitata l-kisba mill-Kummissjoni tal-kompitu tagħha li tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

F'dan l-isfond, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilqgħu d-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011.

Konsegwentement, fejn il-ħtieġa għal, u l-proporzjonalità tat-trasmissjoni ta' tali dokumenti huma ġustifikati skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istituzzjonijiet jaqblu li jinkludu l-premessa li ġejja fid-direttiva kkonċernata:

> "F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ntrabtu sabiex jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis it-trasmissjoni ta' tali dokumenti li hi ġustifikata."

Sal-1 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni ser tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni taż-żewġ Dikjarazzjonijiet Politiċi Konġunti dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni.

L-Istituzzjonijiet jimpenjaw lilhom infushom li japplikaw dawn il-prinċipji mill-1 ta' Novembru 2011 għal proposti ta' direttivi ġodda u pendenti, bl-eċċezzjoni ta' dawk li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu diġà laħqu qbil dwarhom.

---

([1]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2009 fil-kawża C-427/07, punt 107 u l-ġurisprudenza mniżżla fiha.

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK kif implimentata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/848/PESK**

(2011/C 369/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK, kif implimentata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/848/PESK ([1]).

Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti indika l-persuni li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri imposti mill-paragrafi 13 u 15 tar-Riżoluzzjoni 1596 (2005), kif imġedda mill-paragrafu 3 tar-Riżoluzzjoni 1952 (2010).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw fi kwalunkwe ħin talba lill-Kumitat tan-NU stabbilit skont il-paragrafu 8 tal-UNSCR 1533 (2004), flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-lista tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Talbiet bħal dawn għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

United Nations — Focal point for delisting
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room S-3055 E
New York, NY 10017
UNITED STATES OF AMERICA

Għal aktar informazzjoni kkonsulta: http://www.un.org/sc/committees/751/comguide.shtml

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddetermina li l-persuni li jidhru fl-Anness imsemmi hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-persuni u l-entitajiet li huma soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK kif implimentata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/848/PESK. Ir-raġunijiet biex jiġu indikati l-persuni kkonċernati jidhru fl-entrati rilevanti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Tinġibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru(i) rilevanti kif indikat fil-websites fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw il-fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni biex huma jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz mogħti hawn fuq.

Tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, konformement mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

([1]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 83.

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/847/PESK, u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1320/2011 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja**

(2011/C 369/05)

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness IIIA għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/847/PESK ([1]), u fl-Anness IA għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1320/2011 ([2]) dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni li jidhru fl-Annessi msemmijin hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/639/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja. Ir-raġunijiet għan-nominazzjonijiet ta' dawk il-persuni jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti tal-Internet fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 765/2006, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq tkun ikkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz segwenti:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
Unita tal-Koordinazzjoni DG K
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, konformement mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

([1]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 81.
([2]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 15.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

## Is-16 ta' Diċembru 2011

(2011/C 369/06)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3064 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3060 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 101,70 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3497 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4336 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,1673 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84055 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7106 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,0337 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7004 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2249 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 512,33 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 10,9181 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,7815 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,2698 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,5135 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,343 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 805,04 |
| HUF | Forint Ungeriż | 303,38 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1485 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 57,234 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6975 | RUB | Rouble Russu | 41,5810 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,4891 | THB | Baht Tajlandiż | 40,903 |
| RON | Leu Rumen | 4,3345 | BRL | Real Brażiljan | 2,4085 |
| TRY | Lira Turka | 2,4520 | MXN | Peso Messikan | 18,0479 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 68,8470 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż ta' inizjazzjoni ta' proċediment antidumping rigward importazzjonijiet ta' fosforu abjad, imsemmi wkoll fosforu elementali jew fosforu isfar, li joriġina mill-Kazakistan

(2011/C 369/07)

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet ilment skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), li jallega li importazzjonijiet tal-fosforu abjad, imsemmi wkoll fosforu elementali jew fosforu isfar, li joriġinaw mill-Kazakistan, qed ikunu oġġett ta' dumping u għalhekk qed jikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni.

### 1. L-ilment

L-ilment tressaq fis-7 ta' Novembru 2011 minn Thermphos International BV ("l-ilmentatur"), il-produttur waħdieni tal-fosforu abjad fl-Unjoni, li jirrappreżenta 100 % tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' dan il-prodott.

### 2. Il-prodott li qed jiġi investigat

Il-prodott li qiegħed jiġi investigat huwa fosforu abjad, imsemmi wkoll fosforu elementali jew fosforu isfar ("il-prodott fl-investigazzjoni").

### 3. Allegazzjoni ta' dumping ([2])

Il-prodott li allegatament qed ikun oġġett ta' dumping huwa l-prodott li qed jiġi investigat, li joriġina fil-Kazakistan ("il-pajjiż ikkonċernat") u li fil-preżent għandu l-kodiċi NM ex 2804 70 00. Dan il-kodiċi NM qed jingħata biss għall-informazzjoni.

Billi, minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-pajjiż ikkonċernat huwa meqjus bħala pajjiż mhux b'ekonomija tas-suq, u billi l-ilmentatur allega li l-Istati Uniti tal-Amerika, l-uniku pajjiż terz bl-ekonomija tas-suq minbarra l-Unjoni Ewropea, li jipproduċi l-fosforu abjad, ma jkunx pajjiz terz bl-ekonomija tas-suq xierqa minħabba nuqqas ta' kompetizzjoni fis-suq u minħabba nuqqas ta' bejgħ domestiku jew ta' bejgħ domestiku fil-kummerċ normali, l-ilmentatur stabbilixxa l-valur normali tal-importazzjonijiet mill-Kazakistan abbażi tal-prezz li realment jitħallas jew li għandu jitħallas fl-Unjoni għall-prodott simili, aġġustat kif xieraq biex jinkludi marġni ta' profitt raġonevoli. L-allegazzjoni ta' dumping hija msejsa fuq tqabbil tal-valur normali stabbilit b'dan il-mod mal-prezz ta' esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott li qed jiġi investigat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

Minkejja li jikkunsidra l-Istati Uniti tal-Amerika bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq mhux xieraq, l-ilmentatur b'danakollu stabbilixxa wkoll valur normali għall-importazzjonijiet mill-Kazakistan abbażi ta' valur normali maħdum (spejjeż tal-manifattura, spejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A) u profitt) fl-Istati Uniti tal-Amerika. L-allegazzjoni ta' dumping għalhekk issejset ukoll fuq tqabbil tal-valur normali stabbilit b'dan il-mod mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell tal-ħruġ tax-xogħol mill-fabbrika) tal-prodott li qed jiġi investigat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping ikkalkulati huma sinifikanti għall-pajjiż ikkonċernat.

### 4. L-allegazzjoni ta' ħsara

L-ilmentatur ipprovda evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu b'mod ġenerali f'termini assoluti u żdiedu f'termini ta' sehem mis-suq.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

([2]) Id-dumping huwa l-prattika tal-bejgħ ta' prodott għall-esportazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") bi prezz aktar baxx mill-"valur normali" tiegħu. Il-valur normali normalment jitqies bħala prezz komparabbli għall-prodott "simili" fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat. It-terminu "prodott simili" huwa interpretat li jfisser prodott li jixbah fl-aspetti kollha lill-prodott ikkonċernat jew, fin-nuqqas ta' tali prodott, prodott li jixbah ħafna lill-prodott ikkonċernat.

L-evidenza *prima facie* li pprovda l-ilmentatur turi li l-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat li qed jiġi investigat kellhom, fost konsegwenzi oħrajn, impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħa, fuq il-livelli tal-prezzijiet mitluba u fuq is-sehem tas-suq miżmum mill-industrija tal-Unjoni, bir-riżultat ta' effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni ġenerali, u fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

## 5. **Proċedura**

Billi wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni ddeterminat li l-ilment tressaq mill-industrija tal-Unjoni jew f'isimha u li hemm biżżejjed evidenza biex tiġi ġġustifikata l-inizjazzjoni ta' proċedura, b'dan hija qiegħda tniedi investigazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

L-investigazzjoni se tiddetermina jekk il-prodott li qed jiġi investigat u li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat hux qiegħed ikun soġġett tad-dumping u jekk dan id-dumping ikkawżax ħsara lill-industrija tal-Unjoni. Jekk il-konklużjonijiet ikunu fil-pożittiv, l-investigazzjoni se teżamina jekk l-impożizzjoni ta' miżuri tmurx kontra l-interess tal-Unjoni.

### 5.1. ***Il-proċedura biex jiġi ddeterminat id-dumping***

Il-produtturi esportaturi ([3]) tal-prodott li qed jiġi investigat li hu mill-pajjiż ikkonċernat, huma mistiedna jieħdu sehem fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

#### 5.1.1. *L-investigazzjoni tal-produtturi esportaturi*

##### 5.1.1.1. Il-proċedura għall-għażla ta' produtturi esportaturi li jridu jiġu investigati fil-pajjiż ikkonċernat

Sabiex tinkiseb l-informazzjoni li tqis meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-produtturi esportaturi fil-Każakistan, il-Kummissjoni se tibgħat il-kwestjonarji lill-produtturi esportaturi magħrufa fil-pajjiż ikkonċernat, lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi esportaturi, u lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat. Il-produtturi esportaturi kollha u l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi esportaturi kollha huma mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni immedjatament, preferibbilment bil-posta elettronika, iżda mhux iktar tard minn 15-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, sabiex jidentifikaw ruħhom u jitolbu kwestjonarju.

Il-produtturi esportaturi u, fejn applikabbli, l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi esportaturi, iridu jibagħtu l-kwestjonarju mimli fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-kwestjonarju se jkun fih tagħrif dwar, *inter alia*, l-istruttura tal-kumpanija/kumpaniji tal-produttur esportatur, l-attivitajiet tal-kumpanija/kumpaniji fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat, l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat u l-bejgħ lill-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat.

#### 5.1.2. *Il-proċedura addizzjonali fir-rigward tal-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat li ma għandux ekonomija tas-suq*

##### 5.1.2.1. L-Għażla ta' Pajjiż Terz b'Ekonomija tas-Suq

Soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-taqsima 5.1.2.2 hawn taħt, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, fil-każ ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat il-valur normali għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq. Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tagħżel pajjiż terz b'ekonomija tas-suq adattat. Il-Kummissjoni għażlet provviżorjament lill-Istati Uniti tal-Amerika. Minħabba l-possibbiltà li l-Istati Uniti tal-Amerika ma jkunx pajjiż b'ekonomija tas-suq xieraq, il-Kummissjoni bihsiebha tiddetermina l-valur normali abbażi tal-prezz imħallas realment fl-Unjoni, aġġustat kif suppost biex jinkludi marġni ta' profitt raġonevoli. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna li jikkummentaw dwar kemm hi xierqa din l-għażla fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

##### 5.1.2.2. It-trattament tal-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat li ma għandux ekonomija tas-suq

B'konformità mal-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi individwali fil-pajjiż ikkonċernat, li jqisu li fir-rigward tal-manifattura u l-bejgħ tal-prodott li qiegħed jiġi investigat, għalihom jgħoddu l-kundizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq, jistgħu jressqu talba sostanzjata kif xieraq għal dan l-għan ("talba għal TES"). Jingħata trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES") jekk il-valutazzjoni tat-talba għal TES turi li l-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku ([4]) huma sodisfatti. Il-marġni ta' dumping tal-produtturi esportaturi li ngħataw TES se jiġi kkalkulat, safejn hu possibbli u bla ħsara għall-użu ta' fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, billi jintuża l-valur normali u l-prezzijiet ta' esportazzjoni tagħhom stess skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku.

([3]) Il-produttur esportatur huwa kull kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li tipproduċi u tesporta l-prodott li qed jiġi investigat lejn is-suq tal-Unjoni, kemm direttament jew permezz ta' parti terza, inkluża kwalunkwe kumpanija relatata magħha involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ domestiku jew fl-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat.

([4]) Il-produtturi esportaturi għandhom juru b'mod partikolari li: (i) it-tehid ta' deċiżjonijiet kummerċjali u l-kosti jsiru b'reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq mingħajr indħil sinifikanti mill-Istat; (ii) il-kumpaniji għandhom sett wieħed ċar ta' rekords ta' kontabbiltà bażika li jiġu vverifikati b'mod indipendenti skont standards internazzjonali ta' kontabbiltà u li jiġu applikati għall-għanijiet kollha; (iii) ma hemmx tagħwiġ sinifikanti ttrasferit mis-sistema preċedenti ta' ekonomija mhux tas-suq; (iv) il-liġijiet dwar falliment u l-proprjetà jiggarantixxu ċertezza u stabbiltà legali u (v) il-konverżjonijiet tar-rati tal-kambju jsiru skont ir-rati tas-suq.

Produtturi esportaturi individwali fil-pajjiż ikkonċernat jistgħu wkoll, jew bħala alternattiva, jitolbu trattament individwali ("TI"). Biex jingħataw TI, dawn il-produtturi esportaturi għandhom jipprovdu l-evidenza li huma jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku ([5]). Il-marġni ta' dumping tal-produtturi esportaturi li jingħataw TI se jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tagħhom stess. Il-valur normali għall-produtturi esportaturi li jingħataw TI se jissejjes fuq il-valuri stabbiliti għall-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq magħżul kif deskritt hawn fuq.

(a) Trattament ta' ekonomija tas-suq (TES)

Il-Kummissjoni se tibgħat il-formoli tat-talba għat-TES lill-produtturi esportaturi magħrufin kollha fil-pajjiż ikkonċernat u lil kull assoċjazzjoni ta' produtturi esportaturi magħrufa, kif ukoll lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat. Kull produttur esportatur li jixtieq japplika għat-TES għandu jitlob il-formola tat-talba għat-TES mingħand il-Kummissjoni mhux iktar tard minn għaxart (10) ijiem wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-produtturi esportaturi kollha li se jitolbu t-TES għandhom jibagħtu l-kwestjonarju mimli fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

(b) Trattament individwali (TI)

Biex japplikaw għal TI, il-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat għandhom iressqu l-formola għat-talba għal TES bit-taqsimiet li jirrigwardjaw it-TI mimlija fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

5.1.3. *L-investigazzjoni ta' importaturi mhux relatati* ([6]) ([7])

Fid-dawl tal-għadd potenzjalment kbir ta' importaturi mhux relatati involuti f'dan il-proċediment u biex tlesti l-investigazzjoni fl-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita għal numru raġonevoli l-għadd ta' importaturi mhux relatati li se jkunu investigati billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "teħid tal-kampjuni"). It-teħid tal-kampjuni se jsir skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

([5]) Il-produtturi esportaturi għandhom juru b'mod partikolari li: (i) fil-każ ta' ditti jew impriżi konġunti b'sidien kollha barranin jew b'uħud minnhom barranin, l-esportaturi huma liberi li jibagħtu lura f'pajjiżhom il-kapital u l-profitti; (ii) il-prezzijiet tal-oġġetti esportati u l-kwantitajiet u l-kundizzjonijiet u t-termini tal-bejgħ jiġu stabbiliti b'mod liberu; (iii) il-parti l-kbira tal-ishma jappartienu lil persuni privati. L-uffiċjali tal-Istat li jiffurmaw parti mill-Bord tad-Diretturi jew li għandhom pożizzjonijiet maniġerjali ewlenin għandhom ikunu f'minoranza jew għandu jintwera li l-kumpanija hija madankollu indipendenti biżżejjed mill-indħil tal-Istat; (iv) il-konverżjonijiet tar-rata tal-kambju jsiru skont ir-rati tas-suq u (v) l-indħil mill-Istat mhuwiex tali li jippermetti evażjoni tal-miżuri jekk esportaturi individwali jingħataw rati differenti ta' dazju.

([6]) Importaturi li mhumiex relatati mal-produtturi esportaturi biss jistgħu jintgħażlu għall-kampjun. L-importaturi li huma relatati mal-produtturi esportaturi għandhom jimlew l-Anness 1 tal-kwestjonarju għal dawn il-produtturi esportaturi. Għad-definizzjoni ta' parti relatata ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9.

([7]) Id-dejta pprovduta minn importaturi li mhumiex relatati tista' tintuża wkoll fir-rigward ta' aspetti ta' din l-investigazzjoni għajr għad-determinazzjoni tad-dumping.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ it-teħid tal-kampjuni, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi kollha mhux relatati, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, qegħdin b'dan jintalbu jidentifikaw ruħhom lill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet għandhom jagħmlu hekk fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, billi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar il-kumpanija jew il-kumpaniji tagħhom lill-Kummissjoni:

— l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefon u tal-faks u isem il-persuna ta' kuntatt,

— l-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija fir-rigward tal-prodott li qiegħed jiġi investigat,

— il-fatturat totali għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011

— il-volum f'tunnellati u l-valur f'EUR tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u tal-bejgħ mill-ġdid li jsir fis-suq tal-Unjoni ([8]) matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 tal-prodott importat li qiegħed jiġi investigat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat,

— l-ismijiet u l-attivitajiet preċiżi tal-kumpaniji relatati kollha ([9]) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat,

— kull informazzjoni rilevanti oħra li tista' tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

Meta l-kumpanija tipprovdi t-tagħrif ta' hawn fuq, hi tkun qiegħda taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan

([8]) Is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, u r-Renju Unit.

([9]) B'konformità mal-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju, il-persuni għandhom jitqiesu relatati biss jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju ta' xulxin; (b) ikunu legalment rikonoxxuti bħala soċji fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) kull persuna li direttament jew indirettament tippossjedi, tikkontrolla jew ikollha 5 % jew aktar tal-ishma jew ta' kwoti ta' ishma li jivvutaw jew tat-tnejn; (e) wieħed minnhom, direttament jew indirettament, jikkontrolla lill-ieħor; (f) it-tnejn li huma jinsabu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien, direttament jew indirettament jikkontrollaw terza persuna; jew (h) huma membri tal-istess familja. Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja biss jekk ikollhom ir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom: (i) konjuġi, (ii) ġenituri u wild, (iii) aħwa (sew jekk tal-istess żewġ ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nanniet u neputijiet, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenituri jew ulied tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1). F'dan il-kuntest "persuna" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika.

ikun ifisser li din trid timla kwestjonarju u li taċċetta żjara fil-post fejn tinsab sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha ("verifika fuq il-post"). Jekk kumpanija tindika li ma taqbilx mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, din se titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni għall-importaturi li ma jikkooperawx huma msejsa fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

Biex tikseb it-tagħrif li jidhrilha li huwa meħtieġ fl-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja wkoll lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jressqu xi tagħrif rilevanti ieħor rigward l-għażla tal-kampjun, għajr it-tagħrif mitlub hawn fuq, għandhom jagħmlu dan fi żmien 21 jum mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, l-importaturi jistgħu jintgħażlu fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ fl-Unjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat u li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. L-importaturi mhux relatati kollha magħrufa u l-assoċjazzjonijiet tal-importaturi se jiġu mgħarrfa mill-Kummissjoni dwar il-kumpaniji magħżula għall-kampjun.

Biex tikseb it-tagħrif li tqis li hu meħtieġ fl-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat il-kwestjonarji lill-importaturi mhux relatati inklużi fil-kampjun u lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi. Dawn il-partijiet għandhom jippreżentaw il-kwestjonarju mimli fi żmien 37 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor. Il-kwestjonarju komplut għandu jkun fih tagħrif dwar, fost oħrajn, l-istruttura tal-kumpanija/i tagħhom, l-attivitajiet tal-kumpanija/i fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat u dwar il-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat.

### 5.2. ***Proċedura għad-determinazzjoni tal-ħsara***

Ħsara tfisser ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni, jew it-theddida ta' dannu materjali lill-industrija, jew dewmien materjali fit-twaqqif ta' dan it-tip ta' industrija. Determinazzjoni ta' ħsara hi msejsa fuq evidenza pożittiva u tinvolvi studju oġġettiv tal-volum tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, l-effett tagħhom fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u l-impatt konsegwenti ta' dawk l-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni. Biex jiġi stabbilit jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx dannu materjali, il-produtturi fl-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat, huma mistiedna jieħdu sehem fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

#### 5.2.1. *L-investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni*

Biex tikseb it-tagħrif li tqis li hu meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tibgħat il-kwestjonarji lill-produtturi tal-Unjoni magħrufa u lil kull assoċjazzjoni magħrufa tal-produtturi tal-Unjoni.

Lill-produtturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni li ssemmew hawn fuq, dawn għandhom jibagħtu l-kwestjonarju mimli fi żmien 37 jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Il-kwestjonarju mimli se jkun fih tagħrif dwar, fost oħrajn, l-istruttura tal-kumpanija/i tagħhom, dwar il-qagħda finanzjarja tal-kumpanija/i tagħhom, l-attivitajiet tal-kumpanija/i fir-rigward tal-prodott li qed jiġi investigat, l-ispiża tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat.

Kull produttur tal-Unjoni u assoċjazzjoni ta' produtturi tal-Unjoni li mhumiex imniżżla hawn fuq huma mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih preferibbilment permezz tal-posta elettronika, iżda mhux aktar tard minn 15-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, biex jippreżentaw irwieħhom u jitolbu kwestjonarju.

### 5.3. ***Il-proċedura għall-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni***

Jekk tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dumping u ħsara kkawżata minnu, se tittieħed deċiżjoni, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, dwar jekk l-adozzjoni ta' miżuri tal-antidumping tmurx kontra l-interess tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur huma mistiedna jippreżentaw ruħhom fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi rappreżentattivi għandhom juru, fil-limitu tal-istess skadenza, li hemm konnessjoni oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott li qed jiġi investigat.

Il-partijiet li jippreżentaw ruħhom fil-limitu ta' żmien stipulat hawn fuq jistgħu jipprovdu tagħrif lill-Kummissjoni dwar l-interess tal-Unjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Dan it-tagħrif jista' jingħata jew f'format ħieles jew billi jimtela kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ, it-tagħrif mogħti skont l-Artikolu 21 jitqies biss jekk meta jingħata jkun sostnut b'evidenza fattwali.

### 5.4. ***Sottomissjonijiet oħra bil-miktub***

Il-partijiet interessati kollha, soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-avviż, huma mistiedna juru fehmiethom, iressqu t-tagħrif u jipprovdu l-evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5.5. ***Il-possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni***

Il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu biex jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal seduta ta' smigħ għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni, it-talba tista' titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Wara dan, għandha titressaq talba għal seduta ta' smigħ fl-iskadenzi speċifiċi stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

5.6. ***Istruzzjonijiet dwar kif għandhom isiru s-sottomissjonijiet bil-miktub u kif għandhom jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza***

Is-sottomissjonijiet bil-miktub kollha, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan l-avviż, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għaliha jintalab trattament kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati "Ristrett" ([10]).

Il-partijiet interessati li jipprovdu tagħrif "Ristrett" huma mitluba jipprovdu t-taqsiriet mhux kunfidenzjali tagħhom skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li għandhom ikunu mmarkati "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati". Dawn it-taqsiriet għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex tinftiehem b'mod raġonevoli s-sustanza tat-tagħrif imressaq b'mod kunfidenzjali. Jekk parti interessata li tipprovdi tagħrif kunfidenzjali ma tipprovdix taqsira mhux kunfidenzjali tiegħu fil-format u l-kwalità mitluba, dan it-tagħrif kunfidenzjali jista' jitwarrab.

Il-partijiet interessati huma mitluba jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha f'format elettroniku (is-sottomissjonijiet mhux kunfidenzjali permezz tal-posta elettronika, dawk kunfidenzjali fuq CD-R/DVD), u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Madankollu, kwalunkwe Prokura, ċertifikazzjonijiet iffirmati u aġġornamenti tagħhom li jakkumpanjaw il-formoli tad-dikjarazzjonijiet tat-TES u tat-TI, jew ir-risposti tal-kwestjonarju, għandhom jiġu sottomessi f'għamla ta' dokument fiżiku, jiġifieri bil-posta jew bl-idejn, fl-indirizz ta' hawn taħt. Skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, jekk parti interessata ma tkunx tista' tipprovdi s-sottomissjonijiet u t-talbiet tagħha f'format elettroniku, hija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b'dan minnufih. Għal aktar tagħrif dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġna tal-web rilevanti fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/tackling-unfair-trade/trade-defence

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N105 04/092
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Fax +32 22985353
Indirizz elettroniku għal kwistjonijiet ta' dumping: trade-yp4-dumping@ec.europa.eu
Indirizz elettroniku dwar kwistjonijiet ta' ħsara: trade-yp4-injury@ec.europa.eu

6. **Nuqqas ta' kooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix it-tagħrif meħtieġ fl-iskadenzi, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, is-sejbiet provviżorji jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Fejn jinstab li kwalunkwe parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, it-tagħrif jista' jitwarrab u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u s-sejbiet ikunu għalhekk imsejsa fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku din tkun ikkooperat.

7. **L-Uffiċjal tas-Smigħ**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Smigħ tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ. L-Uffiċjal tas-Smigħ jaġixxi bħala medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Smigħ jirrevedi t-talbiet għal aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għall-estensjoni tal-iskadenzi u t-talbiet minn partijiet terzi għal seduta ta' smigħ. L-Uffiċjal tas-Smigħ jista' jorganizza seduta ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur biex jiżgura li d-drittijiet għad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qegħdin jithaddmu b'mod sħiħ.

Talba għal seduta mal-Uffiċjal tas-Smigħ għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika ir-raġunijiet li għalihom tkun qiegħda ssir. Għal smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni, it-talba għandha titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Wara dan, għandha titressaq talba għal seduta fil-limiti tal-iskadenzi speċifiċi stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

([10]) Dokument "Ristrett" huwa dokument li jitqies bħala kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 343 22.12.2009 p. 51) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim dwar l-Antidumping). Dan hu wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

L-Uffiċjal tas-Smigħ se jipprovdi wkoll l-opportunitajiet biex issir seduta li tinvolvi l-partijiet u tippermetti li jiġu ppreżentati fehmiet differenti u li jitressqu argumenti kuntrarji dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw, fost l-oħrajn, id-dumping, il-ħsara, ir-rabta kawżali u l-interess tal-Unjoni. Din is-seduta, bħala regola, issir mhux aktar tard minn tmiem ir-raba' ġimgħa wara l-iżvelar tas-sejbiet provviżorji.

Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Smigħ fuq il-websajt tad-DĠ għall-Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/tackling-unfair-trade/hearing-officer/index_en.htm

## 8. **L-iskeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni tkun konkluża, skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament bażiku, fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri provviżorji jistgħu jiġu imposti mhux aktar tard minn disa' xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## 9. **L-ipproċessar ta' dejta personali**

Kull dejta personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([11]).

([11]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

## RETTIFIKA

**Rettifika għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 338, tat-18 ta' Novembru 2011)*

(2011/C 369/08)

F'paġna 22:

*minflok:*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "CEN | EN ISO 10218-1:2011<br>Robots u tagħmir robotiku — Rekwiżiti ta' sigurtà — Parti 1: Robots industrijali (ISO 10218-1:2011) | Din hi l-ewwel pubblikazzjoni | EN ISO 10218-1:2008<br>Nota 2.1 | 31.1.2012" |

*aqra:*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "CEN | EN ISO 10218-1:2011<br>Robots u tagħmir robotiku — Rekwiżiti ta' sigurtà — Parti 1: Robots industrijali (ISO 10218-1:2011) | Din hi l-ewwel pubblikazzjoni | EN ISO 10218-1:2008<br>Nota 2.1 | 1.1.2013" |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT